# FERĦA BLA TEMMA

Ġamri kien minsub fuq il-ħajt tal-għalqa jlaqqax għuda biex jagħmel maqbad ta' moħriet. Kemm kemm jitħarrek għadda minn taħtu Sidor ta' Żebbeġ biż-żiemel tiegħu, ċeklem, ċeklem miexi warajh, rasu l-isfel, għajnejh ġamra nar u rkobbtejh jirtogħdu. "Saħħa Ġam, għandi ż-żiemel magħdur sewwa"—"Q'ed nara. Iż-żiemel ta' Doru kien immantar bħalu, il-ġimgħa l-oħra"—"Iva Ġam, x'nagħmillu?"—"Bellagħlu qasba kbira żejt imħallat bil-pitrolju"—"Għid is-sew? xi ħaġa rrid nagħmillu...Saħħa Ġam"—"Saħħa Sidor".

Il-għada Ġamri lemaħ lil Sidor tiela' ħosbien minn l-isqaq bil-kappestru tal-ħabel fuq driegħu.

Wasal ħdejh u wrieh il-kappestru. "Miet iż-żiemel, qallu, tajtu ż-żejt u l-pitrolju kif wasalt u mal-lejl ibbies.—Ma swietx id-duwa ta' Doru".

"Tarax, qal Ġamri,—hekk ġralu lil Doru, iż-żiemel miet wara siegħa li tah iż-żejt".

"Jien, minn għalija, iż-żiemel ta' Doru fieq."

"Le miet".

"U l-anqas għedtli l-bieraħ?"

"Int saqsejtni?"

"Le, saħħa Ġam",—"Saħħa Sidor".

Ftit titlef kliem il-bdiewa.

T. Z.